**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/073 |
| **Allegazzjoni:** | Għemil ta' kummenti pubbliċi favur l-għoti ta' trattament preferenzjali lil persuni li applikaw għat-test tas-sewqan |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 4 ta' Ottubru 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 3 ta' April 2025 |

**L-Ilment**

1. Fl-4 ta' Ottubru 2023, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Prim Ministru, l-Onor. Dr Robert Abela. L-Ilmentatur ikkwota minn rapport tal-ġurnal *Times of Malta* li deher fit-3 ta' Ottubru 2023 u li qal:

> *Robert Abela continued to defend ministers and public officials who helped people get fast-tracked for their driving tests through the back door, on grounds that this is part of the system.*
>
> *"That is the way the political system works. If anyone is saying this should not apply for this country, I disagree," the prime minister said, adding that his government helped everyone, including Opposition MPs.*[1]

2. L-Ilmentatur qal li fil-kummenti tiegħu kif rapportati mit-*Times of Malta*, il-Prim Ministru kien qiegħed jiddefendi "*a corrupt system where Ministers and Labour Party insiders make recommendations and request expedited*

[1] Ara https://timesofmalta.com/article/watch-abela-driving-tests-scandal-it-way-political-system-works.1058787.

*preferential treatment for those select persons who approach them. This is unethical and may have resulted in unqualified persons being given a licence in a way that imperils other road users and pedestrians*."

3. L-Ilmentatur allega li b'hekk il-Prim Ministru kiser l-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). L-artikolu 1 ta' dan il-kodiċi jgħid "*Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.*"

4. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport u mmarkat **Dokument A**.

**Il-Kuntest**

5. Fid-29 ta' Awwissu 2022, id-Direttur tal-Liċenzjar u żewġ uffiċjali oħra tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, magħrufa wkoll bħala Transport Malta, ittellgħu il-qorti fuq diversi akkużi kriminali b'rabta mat-testijiet għal-liċenzji tas-sewqan.[2]

6. Fil-15 ta' Settembru 2022 ġie rapportat li minkejja li kienu nbdew il-proċeduri fil-qorti, il-pulizija kienet għadha qed tifli l-evidenza voluminuża miġbura f'dan il-każ. Il-qorti ordnat li jittieħdu passi kif xieraq kontra kull min kien involut.[3]

7. Fl-1 ta' Ottubru tas-sena ta' wara, jiġifieri l-2023, il-ġurnal *Sunday Times of Malta* żvela chats fejn il-Ministru Ian Borg u diversi individwi oħra, inkluż membri tas-segretarjat tal-Ministru Borg u ta' ministri oħrajn, allegatament għaddew lid-Direttur tal-Liċenzjar l-ismijiet ta' applikanti għat-test tas-sewqan biex dawn jingħataw għajnuna.[4]

8. L-għada, 2 ta' Ottubru 2023, il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi għamlu konferenza stampa biex iħabbru t-twaqqif ta' linja nazzjonali tal-ajru

---

2 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/minister-implicated-transport-malta-theory-test-corruption-case.977315.

3 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/transport-malta-corruption-one-journalist-among-help-sought.981053.

4 Ara https://timesofmalta.com/article/your-friend-friend-exposed-driving-licence-racket.1058397, kif ukoll https://timesofmalta.com/article/who-driving-test-scandal.1058292.

ġdida għal Malta. Waqt din il-konferenza stampa, uħud mill-ġurnalisti preżenti għamlu domandi lill-Prim Ministru dwar l-għoti ta' għajnuna lil persuni li applikaw għat-test tas-sewqan. Ir-risposti tal-Prim Ministru ġew rapportati fl-artiklu tat-*Times of Malta* tat-3 ta' Ottubru 2023 li rrefera għalih l-Ilmentatur.[5] Dan l-artiklu jinkludi filmat parzjali tal-konferenza stampa.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

9. Is-sottoskritt deherlu li dan l-ilment potenzjalment kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tal-artikoli 4.5, 4.10, 5.4, 5.8 u 5.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħidu hekk:

> *4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*
>
> *5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta' bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja.*
>
> *5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

10. Fis-7 ta' Novembru 2023, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru biex jirreferilu l-ilment u jitlob ir-reazzjonijiet tiegħu għall-finijiet ta' indaġni preliminari. Din l-ittra rreferiet għad-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali li huma kkwotati fuq. L-ittra hija annessa bħala d-**Dokument B**.

---

[5] Ara n-nota 1 fuq.

11. Il-Prim Ministru wieġeb permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2023 (**Dokument Ċ**). Huwa kkwota silta mir-risposti li ta waqt il-konferenza stampa, u żied jgħid li:

*Minn dan kollu ma jirriżulta minn imkien li jien inqast b'xi mod mir-rispett li nosserva l-prinċipji msemmija fl-ittra tiegħek u kif imniżżla fit-Tieni Skeda tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. L-istess Kodiċi jistipula li membru tal-Kamra tad-Deputati għandu d-dmir li jwassal l-ilmenti tal-kostitwenti tiegħu u li jagħmel rappreżentanzi f'isimhom lil awtoritajiet tal-gvern mingħajr ma juża xi influwenza mhux xierqa, theddid jew pressjoni li m'għandhiex issir fit-twettiq ta' dmirijietu (Artikolu 4 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika).*[6]

*Għalhekk m'hemmx għalfejn tkun xi professur biex tinduna bil-manipulazzjoni tal-fatti u tal-verità.*

*Madanakollu, inħossu doveruż fuqi li nżid li ġej ukoll. Il-paragrafu tal-Kodiċi tal-Etika ċitat minnek jitkellem dwar kif Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu iġib ruħu, u cioé li l-imġiba tixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra.*[7]

*Mela huwa ċar għal xiex qed jirreferi dan il-paragrafu.*

*Allaħares qatt kellha tali disposizzjoni tiġi mġebbda kontra dak li evidentement hija intiża li tikkolpixxi, għax jiġi tfisser li l-Kummissarju għandu l-kontroll tal-kontenut u n-narrattiva tar-risposti li deputat parlamentari jagħti waqt tweġibiet lil media. Bil-konsegwenza li l-kontenut politiku jiġi assoġġettat għall-fehmiet soġġettivi tal-Kummissarju dwar materja jew oħra.*

*Ma ninsewx illi l-libertà tal-espressjoni hi jedd garantit fil-Kostituzzjoni, u tipprevali f'demokrazija salv għall-ġudizzju li jispetta lill-poplu kull meta jiġi msejjaħ biex skont ir-regoli demokratiċi, jagħti l-verdett tiegħu.*

---

6 Hawnhekk il-Prim Ministru qed jikkwota l-artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

7 Din hija riferenza għall-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

*Huwa ben ċar li għall-ilmentatur, b'ġudizzju tal-poplu konsistentement ċar fil-konfront tiegħu, dak li ma jistax jottjeni bil-mezzi demokratiċi, qed jipprova jottjenih minn angoli oħra.*

*Dan kollu qed ngħidu mhux għax nistenna li toqgħod tidħol f'dan il-mertu għall-fini tal-vertenza tal-lum li ma teħtieġx wisq ħin biex tiġi riġettata, imma għaliex ninsab sinċerament imħasseb li liġi b'għan tajjeb bħall-Kap 570 qed tiġi konsistentment abbużata mill-ilmentatur, fejn hu abbundantement ċar li qed jiġu intavolati pluralità ta' ilmenti frivoli għaliex sa issa l-liġi ma timponix sanzjoni, biex imbagħad għax tali ilmenti frivoli jiġu riġettati, isiru asserzjonijiet frivoli kontra l-Uffiċċju tiegħek.*

*Nifhem illi jekk jibqa' jseħħ tali abbuż, ir-rimedju huwa leġislattiv.*

12. Dan l-Uffiċċju qabbel is-silta mir-risposti tal-Prim Ministru kif ikkwotata fl-ittra tiegħu stess mal-filmat tar-risposti li huwa inkluż fir-rapport tat-*Times of Malta* tat-3 ta' Ottubru 2023. Irriżulta li l-filmat tat-*Times* huwa editjat u jinkludi biss siltiet mir-risposti li ta l-Prim Ministru dwar it-testijiet tas-sewqan.

13. Għalhekk dan l-Uffiċċju pprepara traskrizzjoni sħiħa tad-domandi li saru dwar it-testijiet tas-sewqan u r-risposti tal-Prim Ministru waqt il-konferenza stampa tat-2 ta' Ottubru 2023. Din it-traskrizzjoni (**Dokument D**) hija bbażata fuq filmat tal-konferenza stampa li jinsab fil-paġna uffiċjali tal-gvern ta' Malta fuq Facebook.[8]

14. Is-sottoskritt deherlu wkoll li f'dan il-każ kellha tiġi adottata proċedura formali ta' investigazzjoni taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika fl-interess tat-trasparenza. Għalhekk, fil-11 ta' Marzu 2025 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru biex jinfurmah li nfetħet investigazzjoni formali, ifornih bil-provi miġbura (li kienu jikkonsistu fid-Dokument D), u jagħtih l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet finali. L-ittra ta' dan l-Uffiċċju hija annessa bħala d-**Dokument E**.

15. Il-Prim Ministru wieġeb dakinhar stess biex jgħid li ma ħassx il-bżonn ta' aktar sottomissjonijiet min-naħa tiegħu peress li diġà kien għamel sottomissjonijiet eżawrjenti. Ir-risposta tal-Prim Ministru hija annessa bħala d-**Dokument F**.

---

[8] Dan il-filmat huwa aċċessibbli minn https://www.facebook.com/watch/live/?ref=watch_permalink&v=1725443171307825.

**Konsiderazzjonijiet**

16. L-Ilmentatur jallega li fir-risposti tiegħu waqt il-konferenza stampa, il-Prim Ministru ddefenda "*a corrupt system*" fejn kienet tintalab "*expedited preferential treatment for* [...] *select persons*" u setgħet wasslet ukoll biex persuni mhux ikkwalifikati ngħataw liċenzja tas-sewqan, b'sogru għal persuni oħra fit-toroq.

17. Biss, fir-risposti tiegħu il-Prim Ministru għamel distinzjoni bejn għajnuna "leġittima" u "illeġittima". Huwa għamilha ċara li kien qed jiddefendi biss l-għoti ta' għajnuna "leġittima", kif jixhdu dawn is-siltiet:

> *Sakemm ngħinu lin-nies bl-aktar mod onest u leġittimu, dak hu aġir illi jiena ninkoraġġieh. Aħna qegħdin fil-politika mhux biex ningħalqu ġo xi Kastilja jew ġo xi ministeru, ningħalqu bil-ħġieġ madwarna u nistennew li n-nies joqgħodu jidolizzawna* [...] *Le, jiena xi ħadd, wieħed minn dawk illi ta' kuljum b'mod dirett nidħol fil-bżonnijiet tan-nies, qatt ma saqsejt l-orjentament politiku ta' xi ħadd, qatt ma saqsejt għal vot, anzi dak huma affarijiet illi kieku nagħmilhom hemmhekk fejn inkun qiegħed niżbalja.* [...] *U kull fejn ma stajtx lin-nies ngħinhom fl-aspettativi tagħhom ngħidilhom dal-każ jien ma nistax ngħinek għaliex hemm dir-raġuni, dir-raġuni jew dir-raġuni, illi timpedini li b'mod leġittimu nagħmel dan.*[9]

> [...] *jien qatt m'għidt illi ħadd m'għamel xejn ħażin, għaliex kien hemm numru ta' prosekuzzjonijiet. Mela fil-fehma tal-pulizija, mill-investigazzjonijiet li għandha, almenu fuq livell ta' grad ta' prova li teħtieġ il-pulizija biex tressaq, dak il-livell ġie sodisfatt. Mela min qiegħed quddiem il-qrati tagħna llum, u jrid iwieġeb għall-għemil allegatament irregolari tiegħu, dak inqisu b'kejl. Però għall-persuni l-oħrajn, illi l-korp tal-pulizija ħa deċiżjoni illi ma jressaqhomx, hemmhekk nitkellem b'mod ieħor. Nitkellem b'mod ieħor fejn jidħol, fejn jidħlu il-membri impjegati fil-customer care rispettivi tagħna. Hemmhekk jidher ċar illi ħadd qatt ma mbotta lil xi ħadd biex iwettaq xi irregolarità. Dan evidenzjat minn numru ta' persuni li filwaqt li isimhom ġie riferut, jew li issemmew f'dawk il-messaġġi, weħlu t-test tas-sewqan tagħhom.*[10]

9 Dokument D, linji 49–64.

10 Dokument D, linji 128–139.

*Issa jiena nerġa' niddistingwi, nerġa' nifred bejn l-irregolari u l-illeġittimu għal dak li huwa mistenni minna li nagħmlu. Fejn huwa ħażin huwa ħażin u l-gvern immexxi minni ta prova darba, darbtejn, tlieta illi ma jittollerax irregolaritajiet.* [...] *F'dal-każ l-istess, xi ħadd prova jgħatti lil xi ħadd? Ara min huma l-persuni mressqin u ara l-affiljament tagħhom. Xi ħadd prova jgħatti lil xi ħadd? Le. Ħallejna at arms' length mill-korp tal-pulizija, dejjem messaġġ wieħed, għandkom ir-riżorsi, għamlu xogħolkom. Xogħolkom xogħolkom u xogħolna xogħolna. Però bl-istess mod umbagħad, fejn li l-korp tal-pulizija ma jkunx sab irregolaritajiet mhux se nkun jien li ma niddefendix lil dawk il-persuni li qegħdin jagħmlu xogħolhom. Min qed jagħmel xogħolu ninkoraġġieh biex jibqa' jagħmlu. Bis-saħħa lili se jibqa' jsibni warajh.*[11]

18. Jidher ċar minn dawn is-siltiet li l-Prim Ministru ma ddefendiex l-allegat aġir li huwa s-suġġett ta' proċeduri fil-qorti kriminali. Ta' min wieħed josserva hawnhekk li l-akkużi kriminali kontra dawk li tressqu l-qorti b'rabta mat-testijiet tas-sewqan huma wesgħin.[12]

19. Madankollu, ikun raġonevoli li wieħed jistaqsi x'għajnuna "leġittima" tista' tingħata mit-taqsima tal-customer care ġo ministeru lil applikant għat-test tas-sewqan. Jekk bis-saħħa ta' din l-għajnuna l-applikant jaqbeż il-kju ta' dawk li qed jistennew biex jissejħu għat-test, dan xorta jkun irregolari anki jekk l-applikant ma jingħata ebda għajnuna waqt it-test innifsu. F'dan id-dawl, kliem il-Prim Ministru jista' jitqies bħala difiża tal-klijenteliżmu fl-amministrazzjoni pubblika Maltija, basta l-klijenteliżmu ma jammontax għal ksur tal-liġi kriminali. Wieħed jistenna li l-uffiċjali inkarigati jaqtgħu mill-ewwel dawn it-tip ta' "pjaċiri" billi jgħidu lil min imur quddiemhom li ma jistgħux jgħinuh u jispjegawlu għaliex.

20. Però jibqa' l-fatt li dan il-każ jittratta mhux dwar xi azzjoni li ħa l-Prim Ministru iżda dwar fehma li huwa esprima. Fl-ittra tiegħu tad-29 ta' Novembru 2023 (Dokument Ċ), il-Prim Ministru wissa li dan l-Uffiċċju m'għandux jassumi l-irwol ta' ċensur tal-opinjonijiet li jesprimu d-deputati parlamentari.

21. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti qagħad attent biex ma jassumix rwol ta' din in-natura. F'każ partikolari, huwa rrefera

---

11 Dokument D, linji 150–163.

12 Ara https://timesofmalta.com/article/minister-implicated-transport-malta-theory-test-corruption-case.977315.

għall-artikolu 1 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u qal "*Fil-fehma tiegħi, aġir għandu jkun ta' natura gravi biex jitqies li jmur kontra dan l-artikolu. Dan jgħodd b'mod partikolari għal aġir li jikkonsisti f'kitba jew diskors, minħabba **l-importanza tal-prinċipju tal-libertà tal-espressjoni fid-demokrazija tagħna***" (enfażi miżjuda).[13]

22. F'każ aktar riċenti, il-Kummissarju preċedenti qal "*Whilst members of Parliament should express themselves in measured terms, as a general rule it is not for me to censor statements made by them on matters of public interest in the fulfilment of their role as representatives*." Fost ir-raġunijiet li ta għal dan, qal li "*it would draw my office into the political arena in a manner certainly not intended by the legislator*", u li "***it would hamper members of Parliament in the exercise of their right to free expression***" (enfażi miżjuda).[14]

23. Dawn iż-żewġ każijiet kienu jittrattaw dwar l-aġir ta' deputati parlamentari li ma kinux ministri, iżda l-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu fil-każ preżenti. Għalhekk is-sottoskritt ma jidhirlux li l-Prim Ministru għandu jinsab ħati ta' ksur ta' etika minħabba opinjoni li esprima, anki jekk dik l-opinjoni tista' tiġi interpretata bħala difiża ta' prattiċi li jammontaw għal klijenteliżmu. Bħala regola ġenerali, għandu jkun hemm raġunijiet aktar speċifiċi biex ministru jinsab ħati ta' ksur ta' etika talli jesprimi opinjoni: per eżempju, jekk jagħmel dikjarazzjoni fattwali dwar materja relatata mal-irwol pubbliku tiegħu li ma tikkorrispondix mar-realtà. Dan iżda mhux parti mill-ilment.

24. Minkejja dawn il-konsiderazzjonijiet, is-sottoskritt ma jaqbilx mal-Prim Ministru li l-ilment jirrappreżenta xi forma ta' abbuż min-naħa tal-Ilmentatur. L-Ilmentatur eżerċita dritt mogħti lilu mil-liġi, u fil-fehma tas-sottoskritt ikun pass lura fl-iżvilupp tal-istituzzjonijiet governattivi f'Malta jekk il-liġi tinbidel biex dak id-dritt jiġi limitat. Sta għas-sottoskritt li jiddeċiedi jekk ilment huwiex frivolu jew abbużiv. Jekk jirriżultalu li dan huwa l-każ, jista' faċilment jirrifjuta li jinvestiga l-ilment.

---

13 Deċiżjoni datata 10 ta' Lulju 2020 li m'għandux jiġi investigat l-ilment numru 050.

14 Deċiżjoni datata 28 ta' Jannar 2022 li m'għandux jiġi investigat l-ilment numru 113.

**Konklużjoni**

25. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, is-sottoskritt jiddikjara li l-ilment ma jirriżultax u jiddikjara l-każ magħluq.

26. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Onor. Prim Ministru, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Se titqiegħed ukoll kopja fuq il-website ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 4 ta' Ottubru 2023 mingħand il-Professur Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 7 ta' Novembru 2023 lill-Prim Ministru. |
| Dokument Ċ | Risposta datata 29 ta' Novembru 2023 mingħand il-Prim Ministru. |
| Dokument D | Traskrizzjoni ta' risposti tal-Prim Ministru waqt il-konferenza stampa tat-2 ta' Ottubru 2023. |
| Dokument E | Ittra datata 11 ta' Marzu 2025 lill-Prim Ministru. |
| Dokument F | Emails datati 11 ta' Marzu 2025 mingħand il-Prim Ministru. |

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba Investigazzjoni tal-Prim Ministru, Robert Abela
**Date:** Wednesday, 4 October 2023 01:02:41

Dear Commissioner Azzopardi

I write with reference to the declaration of the Prime Minister reported in The Times of Malta of the 3rd October 2023 where he defended the persons embroiled in the driving test racket scandal ;
"Robert Abela continued to defend ministers and public officials who helped people get fast-tracked for their driving tests through the back door, on grounds that this is part of the system.
"That is the way the political system works. If anyone is saying this should not apply for this country, I disagree," the prime minister said, adding that his government helped everyone, including Opposition MPs."

The Prime Minister is defending a corrupt system where Ministers and Labour Party insiders make recommendations and request expedited preferential treatment for those select persons who approach them. This is unethical and may have resulted in unqualified persons being given a licence in a way that imperils other road users and pedestrians.

Such requests by Ministers or MPS constitutes improper influence and is in breach of Paragraph 4 of the Code of Ethics. It should also have been reported according to Paragraph 5e of the Code of Ethics.

The way the Prime Minister is defending the Minister who exerted such improper influence and who failed to report the same to the Speaker is a breach of Paragraph 1 of the Code of Ethics which states that :

"1. A member of the House of Representatives shall at all times, both inside and outside the House, conduct himself in a manner which reflects the status and dignity of the House of Representatives. "

Defending improper influence exerted by a Minister and the Minister's failure to report to the Speaker means that the Prime Minister is not "conducting himself in a manner which reflects the status and dignity of the House of Representatives"

I ask you to investigate this breach of ethics.

Yours sincerely

Arnold Cassola
Independent candidate

4. While a member of the House of Representatives is in duty bound to relay the complaints of his constituents and to make representations in their name to Government authorities, the Member is expected not to use any improper influence, threats or undue pressure in the course of his duties.

(e) is expected to report to the Speaker and to the competent authorities any attempt at corruption, pressure or undue influence by third persons, aimed at influencing his conduct as a member.

DOKUMENT B

7 ta' Novembru 2023

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Ilment nru 169 dwar il-kummenti tiegħek**

**in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan**

Irċevejt ilment fejn qed jiġi allegat li bil-kummenti li inti għamilt dwar l-għajnuna li ngħataw diversi persuni biex jakkwistaw liċenzja tas-sewqan, inti ddefendejt sistema ta' trattament preferenzjali li hija inġusta u tista' toħloq periklu fit-toroq. L-ilment hu anness ma' din l-ittra. L-ilment jagħmel riferenza għar-rapport li deher fit-*Times of Malta* fit-3 ta' Ottubru 2023, kif ukoll il-filmat li hu nkluż fih. Dan ir-rapport hu aċċessibbli minn:

https://timesofmalta.com/articles/view/watch-abela-driving-tests-scandal-it-way-political-system-works.1058787.

Dan l-ilment potenzjalment jinkwadra ruħu taħt l-artikoli 4.5, 4.10, 5.4, 5.8 u 5.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Għall-finijiet tal-indaġni preliminari tiegħi, sabiex nistabbilixxi jekk hemmx lok għall-investigazzjoni ta' dan l-ilment skont l-Att, inti mitlub tagħtini l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar l-ilment. B'mod partikolari, inti mitlub tgħidli x'tip ta' għajnuna tista' leġittimament tingħata, fil-fehma tiegħek, lil min jirrikorri

għand it-taqsima tal-customer care fis-segretarjat ta' ministru sabiex jakkwista liċenzja tas-sewqan.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

29 ta' Novembru 2023

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta,
VLT 1210

**Ilment 169 dwar il-kummenti tiegħek**
**in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzja tas-sewqan**

Sur Prim Imħallef Emeritu,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 7 ta' Novembru 2023 dwar l-ilment fuq imsemmi.

L-ewwelnett, nixtieq nuri d-disapprovazzjoni shiha tieghi ghall-frazi "*.....sabiex jakkwista licenzja tas-sewqan*" uzata fit-tieni faccata tal-ittra tieghek, li qajla nemmen giet inserita mis-Sinjurija tieghek.

Jidhirli li jkun aħjar li qabel kull osservazzjoni oħra, jiġu eżaminati l-kummenti b'risposta li jien tajt fuq is-suġġett in kwistjoni. Dan biex ma jsirux konklużjonijiet frivoli u bla bażi kif solitament iħobb jasal għalihom l-ilmentatur.

Nhar it-3 ta' Ottubru waqt li kont qed inwieġeb lill-ġurnalisti waqt konferenza tal-aħbarijiet, testwalment għidt hekk :

*Times: Mistoqsija waħda għall-Prim Ministru. Fuq iċ-chats tal-bieraħ.*

*RA: Iva, fuq iċ-chats moħħkom.*

*Times: Ilbieraħ waħda miċ-chats li ħarġet kienet tgħid pereżempju wieħed jibgħat messaġġ lil dan l-uffiċjal - għandi t-tifla tiela' għat-test. Għandi t-tifla applikat għat-test.*

*RA: Għal Beppe qed tirreferi?*

*Times: Le, le ħafna miċ-chats. Ta' Beppe kienet waħda minn mijiet. Għandi t-tifla tiela' biex tqabbiżili. Forsi tista' tispjegali kif jista' dan jqabbiża mingħajr ma jikser xi liġi jew regola? Chat oħra tgħid tiela' fit-tali ħin biex tgħinha ftit. Kif jista' jgħinha mingħajr ma jikser regola tliet sigħat qabel it-test? Jew inkella darba minnhom Mansueto jgħidlu tajtha palata kemm stajt. X'ħaseb dan l-uffiċjal mill-OPM jew minn fejn kien li kienet il-palata jekk mhux xi ħaġa kontra r-regoli? Għax pjuttost ovvja li ma tistax tgħin lil xi ħadd mingħajr ma tikser ir-regoli f'din il-ħaġa.*

*RA: Dan huwa każ, Mark, fejn min wettaq irregolarità u allegatament kien hemm min wettaq irregolarità minn dak li jemerġi mill-investigazzjoni tal-pulizija. Għax il-korp tal-pulizija ressaq numru ta' nies fil-qorti. Jiġifieri, jien qatt m'għidt illi ħadd ma għamel xejn ħażin. Għaliex kien hemm numru ta' prosekuzzjonijiet. Mela fil-fehma tal-pulizija, mill-investigazzjonijiet li għandha, almenu fuq livell ta' grad ta' prova li teħtieġ il-pulizija biex tressaq, dak il-livell ġie sodisfatt. Mela min qiegħed quddiem il-qrati tagħna llum u jrid iwieġeb għall-għemil allegatament irregolari tiegħu, dak inqisu b'kejl. Però għall-persuni l-oħrajn illi l-korp tal-pulizija ħa d-deċiżjoni illi ma jressaqhomx, hemmhekk nitkellem b'mod ieħor. Nitkellem b'mod ieħor fejn jidħlu l-membri impjegati fil-customer care rispettivi tagħna. Hemmhekk jidher ċar li ħadd qatt ma mbotta lil xi ħadd biex iwettaq xi irregolarità. Dan evidenzjat minn numru ta' persuni, li filwaqt li isimhom ġie riferut jew li jissemmew f'dawk il-messaġġi, waħħlu t-test tas-sewqan tagħhom. Jiġifieri kieku kellek sitwazzjoni fejn kull min ismu ġie riferut minn jew ministeru, jew minn xi ħadd ieħor, kellek sitwazzjoni illi kulħadd kien qed jgħaddi t-test, hemmhekk nasal biex intendi biex naqbel mad-domanda tiegħek. Imma l-fatti kif joħorġu juru dijametrikament l-oppost. Illi kellek tant u tant persuni illi weħlu t-test tagħhom minkejja li isimhom ġie riferut, jiġifieri jew għandna issa fiduċja fl-investigazzjoni kif saret, jew l-investigazzjoni nisiltu minnha għat-texts li ħarġu minnha, jew b'xi mod qed nippruvaw niskreditaw l-investigazzjoni, jew b'xi mod qegħdin nippruvaw naslu għal għanijiet oħra. X'inhuma dawk l-għanijiet jiena weġibt diġà il-kollega tiegħek dwar x' nissuspetta li huma. Hemm ħafna u naħseb f'dawn l-aħħar xhur kien hemm numru ta' strateġiji illi ppruvaw jinduċu lill-gvern f'din id-direzzjoni. Nemmen li hemm ċertu strateġiji biex il-gvern ma jibqax viċin in-nies. Issa jiena nerġa' niddistingwi, nerġa nifred bejn l-irregolari u l-illeġittimu għal dak li huwa mistenni minna li nagħmlu. Fejn huwa ħażin, huwa ħażin u tajna. Jiena, gvern immexxi minni, ta' prova darba, darbtejn, tlieta illi ma jittollerax irregolaritajiet. F'kull każ li semmejtu f'dawn l-aħħar ġimgħat, kellek każ minnhom oriġina mir-rapport li sar mill-uffiċċju tiegħi. Jien fejn rajt li seta' kien hemm irregolarita irrappurtajt. F'dal-każ l-istess. Xi ħadd prova jagħtti lil xi ħadd. Ara min huma l-persuni mressqin u ara l-affiljament tagħhom. Xi ħadd prova jagħtti lil xi ħadd? Le, ħallejna at arms length mill-korp tal-pulizija. Dejjem messaġġ wieħed, għandkom ir-riżorsi għamlu xogħolkom. Xogħolkom xogħolkom u xogħolna xogħolna. Però bl-istess mod imbagħad, fejn il-korp tal-pulizija ma jkunx sab irregolaritajiet mhux se nkun jien li ma niddefendix lil dawk il-persuni li qegħdin jagħmlu xogħolhom. Min qed jagħmel xogħlu ninkoraġġih biex jibqa' jagħmlu bis-saħħa. Lili se jibqa' jsibni warajh.*

Dan jikkostitwixxi l-fehma tiegħi dwar is-suġġett.

Minn dan kollu ma jirriżulta minn imkien li jien inqast b'xi mod mir-rispett li nosserva l-prinċipji msemmija fl-ittra tiegħek u kif imniżżla fil-Tieni Skeda tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari. L-istess Kodiċi jistipula li membru tal-Kamra Deputati għandu d-**dmir** li jwassal l-ilmenti tal-kostitwenti tiegħu u li jagħmel rappreżentanzi f'isimhom lil awtoritajiet tal-gvern mingħajr ma juża xi influwenza mhux xierqa, theddid jew pressjoni li m'għandiex issir fit-twettiq ta' dmirijietu (Artikolu 4 tal-Att dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika).

Għalhekk m'hemmx għalfejn tkun xi professur biex tinduna bil-manipulazzjoni tal-fatti u tal-verita.

Madanakollu, inħossu doveruż fuqi li nżid li ġej ukoll. Il-paragrafu tal-Kodiċi tal-Etika ċitat minnek jitkellem dwar kif Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu **igib ruħu**, u cioe` li l-imġieba tixhed l-istatus u d-dinjita' tal-Kamra.

Mela huwa ċar għal x'hiex qed jirreferi dan il-paragrafu.

Allaħares qatt kellha tali disposizzjoni tigi mġebbda kontra dak li evidentement hija intiża li tikkolpixxi, għax jigi tfisser li l-Kummissarju għandu l-kontroll tal-kontenut u n-narrattiva tar-risposti li deputat parlamentari jagħti waqt tweġibiet lil media. Bil-konsegwenza li l-kontenut politiku jiġi assoġġettat għall-fehmiet soġġettivi tal-Kummissarju dwar materja jew oħra.

Ma ninsewx illi l-liberta' tal-espressjoni hi jedd garantit fil-Kostituzzjoni, u tipprevali f'demokrazija salv għall-ġudizzju li jispetta lill-poplu kull meta jiġi msejjah biex skont ir-regoli demokratici, jagħti l-verdett tiegħu.

Huwa ben ċar li għall-ilmentatur, b'ġudizzju tal-poplu konsistentement ċar fil-konfront tiegħu, dak li ma jistax jottjeni bil-mezzi demokratici, qed jipprova jottjenih minn angoli oħra.

Dankollu qed ngħidu mhux għax nistenna li toqgħod tidħol f'dan il-mertu għall-fini tal-vertenza tal-lum li ma teħtieġx wisq ħin biex tiġi riġettata, imma għaliex ninsab sinċerament imħasseb li liġi b'għan tajjeb bħall-Kap 570 qed tigi konsistentment abbużata mill-ilmentatur, fejn hu abbundantement ċar li qed jiġu intavolati pluralita' ta' ilmenti frivoli għaliex sa issa l-liġi ma timponix sanzjoni, biex imbagħad għax tali ilmenti frivoli jiġu riġettati, isiru asserzjonijiet frivoli kontra l-Uffiċċju tiegħek.

Nifhem illi jekk jibqa' jseħħ tali abbuż, ir-rimedju huwa legislattiv.

Nikkonkludi billi nirribadixxi li l-ilment imressaq hu wieħed altament fieragħ u bir-rispett kollu ma jimmerita l-ebda indagini ulterjuri.

Inselli għalik,

**Robert Abela**

# Traskrizzjoni ta' risposti tal-Prim Ministru waqt konferenza stampa

| | |
|---|---|
| Każ: | K/073 |
| Data: | 2 ta' Ottubru 2023 |
| Aktar informazzjoni: | Fit-2 ta' Ottubru 2023 il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi għamlu konferenza stampa biex iħabbru t-twaqqif ta' linja nazzjonali tal-ajru ġdida għal Malta. Filmat tal-konferenza stampa huwa aċċessibbli minn https://www.facebook.com/finanzigovmt/videos/1725443171307825/. Waqt din il-konferenza stampa, uħud mill-ġurnalisti preżenti staqsew numru ta' domandi lill-Prim Ministru dwar l-għoti ta' għajnuna lil persuni li kienu resqin għall-eżami tas-sewqan. Din it-traskrizzjoni tiffoka biss fuq dawn id-domandi u r-risposti tal-Prim Ministru. It-traskrizzjoni teskludi l-ewwel 49 minuta u 48 sekonda tal-filmat. Is-simbolu [...] jindika fejn tħallew barra siltiet mhux relevanti minn dan il-punt 'il quddiem. |

Ġurnalista: Eh, żewġ mistoqsijiet, eh.

PM: Iva Kurt.

Ġurnalista: Waħda lill-Ministru Clyde Caruana [...] Mistoqsija l-oħra lilek Prim Ministru, hmm matul il-weekend inti ddefendejt lil Ian Borġ u lill-uffiċjali tal-customer care eh fil-gvern, eh wara l-istorja li ħarġet fuq ir-racket tal-liċenzji fi Transport Malta. Tista' tispjegali x'inhi r-raġuni għalfejn ministru jew kwalunkwe persuna oħra fil-gvern għandha tirreferi l-isem ta' persuna li se tagħmel test għall-karozza lill-uffiċjali tat-Transport Malta, jekk mhux eh biex dan jgħaddi bil-qerq? Għalfejn qed tiddefendi dan l-abbuż?

PM: Twieġeb id-domanda dwar l-Air Malta Clyde, imbagħad nieħu jiena.

Ministru Clyde Caruana: [...]

PM: Kurt, għamilt żewġ statements fil-konfront tal-Ministru Borg u tas-segretarjat tiegħu li jien nirribattihom. Semmejt il-qerq u l-abbuż, li jiena nirribattihom bħala li m'huma korretti xejn għaliex huwa evidenti anka mill-kontenut tal-messaġġi nnifishom illi dak li kien qed iwettaq il-Ministru kien bħala parti mill-mod kif inhuwa mistenni li jopera ministru, bl-istess mod għas-segretarjat. Tajjeb illi ngħid illi kull ministeru għandu propju numru ta' uffiċjali, ibda mill-OPM l-isfel u jimxi għas-segretarjati u d-dekasteri kollha, numru ta' uffiċjali li huma propju impjegati biex jassistu lill-poplu irrispettivament mill-orjentament u twemmin politiku tiegħu fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum. Jiġifieri jekk inti saqsejt dwar isem għal test tal-liċenzja nista' ngħidlek bl-istess mod illi l-uffiċċju tiegħi u l-bqija ta' ministri oħrajn nassistu ħafna nies biex ikollhom aċċess għat-testijiet mediċi, mhux biex jagħmlulhom xi preferenza jew bi privileġġ, imma biex niżguraw illi kwalunkwe assistenza li jitlob il-poplu sakemm tkun waħda leġittima, u l-Ministru Borg enfasizza – anka hemm enfażi partikolari li dejjem kellu dak li jkun it-talba tiegħu tiġi proċessata fil-paramentri tal-liġi – biex dak li jkun jiġi mgħejjun sakemm ir-rikjesta tiegħu tkun leġittima u naħseb l-iktar mod

illi dak l-istruzzjonijiet li ta l-Ministru jew ir-riferiment li għamel il-Ministru kien verament wieħed fil-parametri tal-liġi, joħroġ mill-fatt illi kien hemm numru ta' persuni li ssemmew li weħlu t-test tagħhom. Skużi?

Ġurnalista: [Ma jinstemax ċar.]

PM: Mhux jgħinu, min qallek illi jgħinu? Kien hemm il-Ministru irrefera ismijiet u evidenzjat bil-fatt illi kollox sar fil-parametri tal-liġi huwa l-fatt li kellek numru t'ismijiet illi għaddew illi weħlu it-test tagħhom. Mhux ħa noqgħod ngħidlek illi kien hemm qarib tad-deputat tal-Oppożizzjoni Beppe Fenech Adami għax jiena ma niġġustifikax, jekk saret xi ħaġa ħażina ma niġġustifikahiex billi ngħid għax tan-naħa l-oħra wkoll talbu. Anzi jiena l-enfażi li bgħatt ilbieraħ u nerġa' nagħmilha llum, hija biex kostantement dan il-gvern irid jibqa' viċin il-bżonnijiet tan-nies. Dak ifisser illi meta ta' kuljum – u jien wieħed minn dawk forsi mill-iktar li nirċievi messaġġi mingħand in-nies – biex ngħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom. Nista' ngħidlek minn dalgħodu s'issa pataflun ta' messaġġi mingħand nies biex ngħinuhom fi bżonnijiet leġittimi, jekk humiex ta' saħħa, jekk humiex relatati mal-edukazzjoni tagħhom, jekk humiex relatati mal-bżonnijiet li bniedem isib ma' wiċċu mal-mogħdija tal-ħajja, dak hija waħda mill-funzjonijiet ewlenin li għandu l-politiku fis-sistema politika Maltija. Issa jekk qed ngħidu aħna li s-sistema, il-mod kif taħdem is-sistema politika Maltija, ma jgħoddx għal dan il-pajjiż, hemmhekk jiena wieħed minn dawk illi ma naqbilx. Jiena nemmen illi hawnhekk qed nitkellmu fundamentalment fuq kif topera is-sistema politika tagħna, u nagħmel linja waħda ċara ħafna. Sakemm ngħinu lin-nies bl-aktar mod onest u leġittimu, dak hu aġir illi jiena ninkoraġġieh. Aħna qegħdin fil-politika mhux biex ningħalqu ġo xi Kastilja jew ġo xi ministeru, ningħalqu bil-ħġieġ madwarna u nistennew li n-nies joqgħodu jidolizzawna, jiena faċli ngħid isma' jiena Prim Ministru u m'għandix għax noqgħod nirċievi mingħand persuna għax għandha bżonn hekk, jew għandha bżonn hekk, ngħid dak hemm l-uffiċjali biex jagħmluh dak ix-xogħol. Le, jiena xi ħadd, wieħed minn dawk illi ta' kuljum b'mod dirett nidħol fil-bżonnijiet tan-nies, qatt ma saqsejt l-orjentament politiku ta' xi ħadd, qatt ma saqsejt għal vot, anzi dak huma affarijiet illi kieku nagħmilhom hemmhekk fejn inkun qiegħed niżbalja. Jiena kull min jiġi bieb miftuħ u ngħinuh, u naħseb l-iktar nies li jistgħu jevidenzjawh dan huma deputati min-naħa tal-Oppożizzjoni li darba, tnejn, tlieta, jitolbu għal assistenza u kull darba u kull fejn stajna għinnihom, u jixhidha din il-poplu b'mod ġenerali. U kull fejn ma stajtx lin-nies ngħinhom fl-aspettativi tagħhom ngħidilhom dal-każ jien ma nistax ngħinek għaliex hemm dir-raġuni, dir-raġuni jew dir-raġuni, illi timpedini li b'mod leġittimu nagħmel dan. Jġifieri jekk il-bieraħ kien hemm xi ħadd illi ħaseb li bir-rappurtaġġ aħna se nagħtu xi struzzjoni biex in-nies ma jibqgħux jiġi mgħejjuna jiena ngħid illi l-gvern imexxi minni mhux se jagħmel l-iżball li għamlu amministrazzjonijiet ta' qabel l-2013 li ssakkru f'torri tal-avorju u nqatgħu mir-realtajiet u l-bżonnijiet u weġgħat tan-nies. Anzi nibgħat messaġġ mill-ġdid ta' inkoraġġiment lil dawk kollha li huma impjegati fin-nies tal-customer care, lil dawk il-voluntiera wkoll illi ta' kuljum jassistu lil persuni oħra sabiex kemm jista' jkun aħna ngħinu soċjetà illi tgħix mod aħjar. L-istess messaġġ nibagħtu lill-ministri u s-segretarji parlamentari u d-deputati kollha: ibqgħu viċin n-nies, ibqgħu għinu lin-nies fil-bżonnijiet leġittimi tagħhom, għaliex dik hija

karatteristika ewlenija li bis-saħħa tagħha l-poplu tagħna mill-2013 ’il quddiem baqa’ jżid il-fiduċja tiegħu f’dan il-gvern.

Ġurnalista: Good afternoon, I’ve got questions for both for Minister Caruana –

PM: Kev, erġa’ rrepeti għax ma smajtekx. Skużani.

Ġurnalista: I said good afternoon, I’ve got questions for both Minister Caruana and yourself Prime Minister. Hmm, for Minister Caruana, [...] And secondly, for you Prime Minister, continuing on what my colleague mentioned, you’re making it seem as though investigations on this particular matter are a hundred percent closed and only those three are arraigned, and the statements that you’re making as well are also to a certain extent could be seen as putting pressure on the authorities not to look into it further. How do you respond to that?

Ministru Clyde Caruana: [...]

PM: Kev, jiena eh qed nasal għall-konklużjoni li naħseb mit-timeline tal-affarijiet huma ċari kif numru sew ta’ xhur ilu, numru sew ta’ xhur ilu, għal darb’oħra l-istituzzjonijiet ta’ pajjiżna wettqu id-doveri tagħhom, għaliex qisu li dal-każ issemma u ġie skopert minn xi settur tal-media lbieraħ għall-ewwel darba, naħseb l-iktar mod mhux realistiku ta’ kif wieħed jista’ ipinġi s-sitwazzjoni. Tant hu hekk illi ċ-chats li qed titkellmu dwarhom jiffurmaw parti mill-investigazzjoni tal-pulizija. Mela il-pulizija numru ta’ xhur ilu meta kien hemm allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimità jew irregolarità f’xi aġir mill-ewwel wettqet il-funzjoni tagħha. Investigat mingħajr ma ħarset lejn uċuh, u l-aqwa prova ta’ kemm il-pulizija investigat bla ma ħarset lejn uċuh huma dak il-persuni illi tressqu l-qorti. Ma ninsewx illi dwar dan il-każ numru ta’ xhur ilu tressqu numru ta’ persuni l-Qorti u kien hemm ukoll numru ta’ persuni illi ssemmew, qegħdin anki isimihom fid-dominju pubbliku, illi wara illi saret l-investigazzjoni tal-pulizija ma tressqux. Mela il-prodott tal-investigazzjonijiet tal-pulizija kien illi numru ta’ persuni tressqu u numru ta’ persuni ma tressqux. Jiena għandi fiduċja fil-mod kif il-pulizija twettaq l-investigazzjonijiet tagħha. Għalija l-fatt illi għażlet li min huwa u lil min ma tressaqx il-pulizija huwa evidenza ċara tal-fatti kif żviluppaw quddiemha. Jiena tkellimt b’mod ċar sena ilu meta ġejt mostoqsi – tant kemm ilu illi feġġ dan il-każ, mhux minnu li b’xi mod dan kien każ illi tfaċċa l-bieraħ – għandi fiduċja fil-korp tal-pulizija tagħna umbgħad naturalment il-ġudizzju finali huwa fdat f’istituzzjoni waħda li hija l-qorti tagħna, li wkoll intenni l-fiduċja tiegħi fiha, sakemm biex eventwalment tiddeċiedi dwar min hu ħati jew le dwar l-allegazzjonijiet illi tressqu quddiemu.

Ġurnalista: [...]

Ministru Clyde Caruana: [...]

PM: [...]

Ġurnalista: Mistoqsija waħda għall-Prim Ministru. Fuq iċ-chats tal-bieraħ.

PM: Iva, fuq iċ-chats moħħkom.

Ġurnalista: Ilbieraħ waħda miċ-chats li ħarġet kienet tgħid per eżempju wieħed jibgħat messaġġ lil dan l-uffiċjal, eh għandi t-tifla tiela' għat-test, għandi t-tifla applikat għat-test –

PM: Għal Beppe? Għal Beppe qed tirreferi?

Ġurnalista: Le, le, le mhux – Ħafna mic-chats, ta' Beppe kienet waħda minn mijiet. Hmm, għandi t-tifla tiela' biex tqabbiżhieli. Forsi tista' tispjegali kif jista' dan iqabbiżha mingħajr ma jikser xi liġi jew regola? Test ieħor, chat oħra tgħid, tielgħa fit-tali ħin biex tgħinha ftit. Kif, kif jista' jgħinha mingħajr ma jikser regola tliet siegħat qabel it-test? Jew inkella darba minnhom Mansueto jgħidlu tajtha palata kemm stajt. X'ħaseb dal-uffiċjal mill-OPM jew minn fejn kien li kienet il-palata jew mhux xi ħaġa kontra r-regoli? Għax pjuttost ovvja li ma tistgħax tgħin lil xi ħadd mingħajr tikser ir-regoli f'dil-ħaġa.

PM: Dan huwa każ, Mark, fejn min wettaq irregolarità u allegatament kien hemm min wettaq irregolarità minn dak li jemerġi mill-investigazzjoni tal-pulizija, għax il-korp tal-pulizija ressaq numru ta' nies fil-qorti. Jiġifieri jien qatt m'għidt illi ħadd m'għamel xejn ħażin, għaliex kien hemm numru ta' prosekuzzjonijiet. Mela fil-fehma tal-pulizija, mill-investigazzjonijiet li għandha, almenu fuq livell ta' grad ta' prova li teħtieġ il-pulizija biex tressaq, dak il-livell ġie sodisfatt. Mela min qiegħed quddiem il-qrati tagħna llum, u jrid iwieġeb għall-għemil allegatament irregolari tiegħu, dak inqisu b'kejl. Però għall-persuni l-oħrajn, illi l-korp tal-pulizija ħa deċiżjoni illi ma jressaqhomx, hemmhekk nitkellem b'mod ieħor. Nitkellem b'mod ieħor fejn jidħol, fejn jidħlu il-membri impjegati fil-customer care rispettivi tagħna. Hemmhekk jidher ċar illi ħadd qatt ma mbotta lil xi ħadd biex iwettaq xi irregolarità. Dan evidenzjat minn numru ta' persuni li filwaqt li isimhom ġie riferut, jew li issemmew f'dawk il-messaġġi, weħlu t-test tas-sewqan tagħhom. Jiġifieri kieku kellek sitwazzjoni fejn kull min ismu ġie riferut minn jew minn ministeru jew minn xi ħadd ieħor, kieku kellek sitwazzjoni illi kullħadd kien qed jgħaddi t-test, hemmhekk nasal biex intendi biex naqbel mad-domanda tiegħek. Imma il-fatti kif joħorġu juru diametrikament l-oppost. Illi kellek tant u tant persuni illi weħlu t-test tagħhom minkejja illi isimhom ġie referut, jiġifieri jew għandna issa fiduċja fl-investigazzjoni kif saret, jew l-investigazzjoni nisiltu minnha għat-texts li ħarġu minnha, jew b'xi mod qed nippruvaw niskreditaw l-investigazzjoni, jew b'xi mod qegħdin nippruvaw naslu għal għanijiet oħra. X'inhuma dawk l-għanijiet jiena weġibt diġà lill-kollega tiegħek dwar x'nissuspetta li huma. Hemm ħafna u naħseb dawn l-aħħar xhur kien hemm numru ta' strateġiji illi ppruvaw jinduċu lill-gvern f'din id-direzzjoni, nemmen li hemm ċertu strateġiji biex il-gvern ma jibqax viċin in-nies. Issa jiena nerġa' niddistingwi, nerġa' nifred bejn l-irregolari u l-illeġittimu għal dak li huwa mistenni minna li nagħmlu. Fejn huwa ħażin huwa ħażin u l-gvern immexxi minni ta prova darba, darbtejn, tlieta illi ma jittollerax irregolaritajiet. F'kull każ li semmejtu dawn l-aħħar ġimgħat, kellek każ minnhom oriġina mir-rapport li sar mill-uffiċċju tiegħi, jien fejn rajt li seta' kien hemm irregolarità irrapportajt. F'dal-każ, l-istess xi ħadd prova jgħatti lil xi ħadd? Ara min huma l-persuni mressqin u ara l-affiljament tagħhom. Xi ħadd prova jgħatti lil xi ħadd? Le. Ħallejna at arms' length mill-korp tal-pulizija, dejjem messaġġ wieħed, għandkom ir-riżorsi, għamlu xogħolkom. Xogħolkom xogħolkom u xogħolna xogħolna. Però bl-istess

mod umbgħad, fejn li l-korp tal-pulizija ma jkunx sab irregolaritajiet mhux se nkun jien li ma niddefendix lil dawk il-persuni li qegħdin jagħmlu xogħolhom. Min qed jagħmel xogħolu ninkoraġġieh biex jibqa' jagħmlu. Bis-saħħa lili se jibqa' jsibni warajh.

Ġurnalista: Il-wara nofsinhar it-tajjeb.

PM: Lilek ukoll Monique.

Ġurnalista: Mistoqsija għall-Ministru hmm Clyde Caruana [...] Mistoqsija għalik hmm Prim Ministru, hmm il-bieraħ fl-istorja tat-Times kif kienu qegħdin jistaqsuk sħabi ħareġ li kien hawn dawn in-nies hekk imsejħa mgħejjuna. Fost dawn in-nies li ssemmew kien hemm ukoll asylum seekers. Tista' tispjega kif ħdimtu fil-parametri tal-liġi, kif dawn ġew mghejjuna meta asylum seeker qas biss jista' japplika għal liċenzja, għall-eżami tal-liċenzja? Hmm u t-tieni mistoqsija milli jidher milli għadek kif għidt fit-tweġiba ta' qabel hmm kien hemm nies rakkomandati li m'għaddewx mit-test. Dawk li ġew mgħejjuna u ngħataw din l-għajnuna, u li ġew irrakkomandati, kien hemm xi ħadd minnhom illi kien involut f'inċident fatali jew fejn kien hemm ġrieħi, ikkawżaw ġrieħi lil ħaddieħor?

PM: Jekk qed tgħidli saret, saret xi rakkomandazzjoni għal xi asylum seeker awtomatikament qed tikkonfermali illi dak li sar ma sarx għal xi xiri ta' vot kif allegatament ingħad. Dwar min kien involut jew ma kienx involut f'inċident fatali, dwar kien involut jew ma kienx involut f'inċident fatali u x'rakkomandazzjoni setgħet ingħatat m'iniex, m'iniex f'pożizzjoni li nwieġbek. Aħjar jekk tagħtini isem speċifiku u nkun f'qagħda li nivverifika u nkun nista' nwieġbek. Imma li nixħtu domanda hekk fl-arja u ma tgħidlix isem konkret, min irreferieh u allegatament x'għajnuna seta' ingħata ma naħsibx li hija domanda ġusta. Rigward, rigward – skużi?

Ġurnalista: [Ma tinstemax ċar.]

PM: U qed tistaqsini fuq il-ħaddiema tat-TEC, imma kieku nkunu rridu nkunu leali aħna fir-rappurtaġġ tagħna, għax l-ispin kienet għax jarma lill-Partit Laburista – ippermettili, ippermettili ħa nwieġbek, għax illum għandi l-ewwel opportunità li nwieġeb għal dawn id-domandi. Mela l-istorja għax jarma lill-Partit Laburista, m'għidtux li fl-attivitajiet tal-indipendenza rama wkoll lill-Partit Nazzjonalista, biex jekk irridu nagħtu l-istampa sħiħa ejja nkunu korretti lejn il-fatti. Ejja nkunu korretti lejn il-fatti. Minn dak li jiena, mill-fatti kif inhuma miġjuba għall-attenzjoni tiegħi inkluż il-fatt illi ebda ħadd ma tressaq dwar dawk l-ismijiet, jiena għandi fiduċja sħiħa u nerġa' intenni dik il-fiduċja fil-mod kif wettaq l-operat tiegħu il-Ministru Ian Borg. Bl-istess mod intenni dik il-fiduċja tal-mod kif ħadem is-segretarjat immexxi minnu u f'dak ir-rigward jiġifieri jekk niġi mistoqsi din id-domanda għal ħames darbiet u għaxar darbiet se nibqa' nweġibha bl-istess mod għaliex jien rajt il-fatti kif inhuma u dak il-fatti kollha jippuntaw f'dik id-direzzjoni waħda. Issa jekk qed tippruvaw b'xi mod timplikaw xi ħaġa differenti jew tinduċu lill-gvern imur xi direzzjoni differenti fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, dik hija kwistjoni li hi estranja. L-istess ara, jiġifieri dejjem b'xi mod, linja ta' domandi li b'xi mod tipprova tikkontrasta dak li qal il-Ministru Clyde Caruana mal-eks Ministru Konrad Mizzi, issa jiena jekk hemm xi ħadd li mhux se

jiddefendi lil Konrad Mizzi huwa jiena, però fejn huwa ġust huwa ġust. Il-kumpanija fl-2019 ma kellix operating profit però l-profitt li kien ġie reġistrat kien minħabba l-bejgħ ta' assi. Kien hemm domanda, Clyde.

Ministru Clyde Caruana: [...]

Ġurnalista: Minister and Prime Minister, two questions.

PM: Sure.

Ġurnalista: [...]

PM: [...]

Ġurnalista: In-nofsinhar it-tajjeb. Prim Ministru –

PM: Insellimlek Mar.

Ġurnalista: Prim Ministru, [...] u d-domanda l-oħra huwa li inti qed tibqa' l-ħin kollu tiddefendi dak li sar fir-racket tal-liċenzji tas-sewqan, iġifieri inti kif tista' inti tibqa' tiddefendi xi ħaġa li hija ħażina? Inti għadek kemm għidt li hija l-politika tiegħek biex tibqa' viċin in-nies hija ibbażata prattikament fuq dawn l-affarijiet li jsiru l-irregolaritajiet u l-qerq għax ovvjament inti tiġġustifika dan il-qerq kollu li sar u fl-ebda ħin inti m'inti qed tikkundannah.

PM: X'ironija hux, li niddefendi lil Beppe Fenech Adami bir-raġunament tiegħek. Ma qed niddefendi xejn, ma qed niddefendi xejn, qed niddefendi, qed niddefendi biss l-aġir regolari u fil-parametri tal-impjieg ta' tant u tant persuni li jaħdmu – diġa' weġibtek, għidtlek kien hemm – Imma issa jew ħa tħallini nwieġeb jew ħa titkellem inti biss. S'issa tkellimt, smajtek, ħa nwieġbek umbgħad jekk ikollok domanda supplimentari nerġa' nweġibha wkoll. Min aġixxa allegatament b'mod irregolari qiegħed quddiem il-qrati tagħna u jrid iwieġeb għall-proċess tal-ġustizzja. Jekk jinstab ħati mill-qrati tagħna irid iħallas ta' għemilu pieni ta' natura kriminali, jekk jiġi liberat inbaxxu rasna għad-deċiżjoni tal-qorti. Però għal dawk il-persuni li qed iwettqu xogħolhom b'mod leġittimu, jiġifieri insaqsik jekk jiena dalgħodu u qed ngħidlek b'mod komplet tlabt, kien hemm min talabni lili għandi bżonn nagħmel din l-operazzjoni ma talbux xi trattament preferenzjali imma talbu biex il-każ tagħhom jingħata l-attenzjoni meħtieġa. Jiġifieri jiena bl-għaġir, bl-argument tiegħek, bir-raġunament tiegħek qed nagħmel xi ħaġa irregolari jekk nitkellem mal-awtoritajiet tas-saħħa tagħna u nara jekk din il-persuna qegħdha muġugħa għaliex għadha ma saritx l-operazzjoni tagħha? Ħa nfakkrek ftit però, kien hemm żmien li kien jiġri hekk ta, qabel l-2013 għexnieh dak iż-żmien fejn kien ikun hemm ħafna u ħafna nies li kien ikollhom bżonn leġittimu u l-kbarat ta' dakinhar kienu jagħlqulhom il-bieb u b'hekk waħda mir-raġunijiet ewlenin tar-riżultat tal-Partit Nazzjonalista tal-2013 u waħda mir-raġunijiet għar-riżultati elettorali b'saħħithom illi kellu dan il-gvern, għax jibqa' viċin il-bżonnijiet tan-nies u ma jinqatax – ippermettili – ma jinqatax u jissakkar f'torrijiet tal-avorju. Għalhekk il-messaġġ konstanti ta' ferm qabel ir-rappurtaġġ tal-bieraħ li dejjem bgħatt żewġ messaġġi lin-nies tagħna, ibqgħu b'saqajkom mal-art, terfgħux raskom u ibqgħu viċin il-bżonnijiet tan-nies. U dak il-messaġġ se nibqa' nibgħatulhom u kif tista' tibqa' iktar viċin il-bżonnijiet tan-nies jekk inti tavża l-uffiċjali tiegħek li jaqdu l-bżonnijiet n-nies biex ma jagħmlux xogħolhom.

Għamlu – min għen lin-nies b’allegatament, min allegatament għen lin-nies b’qerq jinsab quddiem il-qrati tagħna. Min wettaq xogħolu b’mod leġittimu, min wettaq xogħolu b’mod leġittimu, ħa jibqa’ jaħdem fi ħdan fl-uffiċċji tal-customer care tagħna u jibqa’ jgħin in-nies kif għamel, jiġifieri bl-argument tiegħek jekk niġu f’dan min għen lit-tifel ta’ Beppe Fenech Adami suppost qiegħed il-qorti u suppost qiegħed it-tifel tiegħu ukoll, jekk skont inti għamlu xi ħaġa irregolari. Le. Mill-investigazzjoni tal-pulizija jirriżulta diversament minn hekk. Min qabeż linja qiegħed quddiem il-qorti jwieġeb għal għemilu. Min ma qabiżx il-linja imma kien fil-parametri ta’ xogħolu jibqa’ jagħmel xogħolu. Saqsejtni dwar min se jerfa’ r-responsabbiltà għal-operat tal-Air Malta dawn l-aħħar erba’ snin [...]

Ġurnalist: Żewġ domandi għall-Ministru Clyde Caruana [...]

Ministru Clyde Caruana: [...]

Data tal-aħħar reviżjoni: 11 ta’ Marzu 2025

DOKUMENT E

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

11 ta' Marzu 2025

L-Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Bl-email fuq robert.abela@gov.mt

Onor. Prim Ministru,

**Każ K/073 (ilment nru 169) dwar il-kummenti tiegħek in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju datata 7 ta' Novembru 2023 dwar l-ilment numru 169, u r-risposta tiegħek datata 29 ta' Novembru 2023.

Sussegwentement dan l-Uffiċċju fetaħ investigazzjoni formali dwar l-ilment fid-dawl tal-artikoli 4.5, 4.10, 5.4, 5.8 u 5.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Skont l-artikolu 18(3) tal-Att, inti intitolat li tingħata aċċess għall-provi u d-dritt tas-smigħ qabel ma dan l-Uffiċċju jiffinalizza r-rapport tiegħu dwar il-każ.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, għandek issib anness ma' din l-ittra traskrizzjoni tal-mistoqsijiet relevanti li saru waqt il-konferenza stampa tat-2 ta' Ottubru 2023 u r-risposti tiegħek.

Permezz ta' din l-ittra, inti qiegħed ukoll tingħata l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali. Inti mitlub tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 11 ta' April 2025**. Bħala parti mis-sottomissjonijiet tiegħek, tista' jekk tixtieq tippreżenta provi dokumentarji ġodda għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jew tipproponi li tinġabar xhieda orali.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT F

**From:** Abela Robert at OPM
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM
**Subject:** RE: Każ K/073 (ilment nru 169) dwar il-kummenti tiegħek in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan
**Date:** Tuesday, 11 March 2025 13:18:19

---

Ghaziz Sur Polidano,
Ms Debono infurmatni bil-komunikazzjoni telefonika ta’ bejnietkom ta’ issa, u li l-provi fil-kaz de quo huma dawk annessi mal-ittra tieghek datata llum stess.
Ninfurmak ghalhekk li ma hemmx htiega ta’ smiegh, u billi r-risposta tieghi tad-29 ta’ Novembru 2023 fiha sottomissjonijiet ezawrjenti, ma hemmx htiega ta’ nota ta’ sottomissjonijiet.
Ghaldaqstant is-Sinjurija tieghu il-Prim Imhallef Emeritu, qua Kummissarju ghall-Harsien tal-Istandards fil-Hajja Pubblika, jista’ jghaddi ghad-decizjoni tieghu dwar dan il-kaz.
Inselli ghalik mill-gdid,

Robert Abela
Prime Minister
Prime Minister Secretariat

**t** +356 22000000 **e** robert.abela@gov.mt | primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Abela Robert at OPM
**Sent:** Tuesday, 11 March 2025 12:48
**To:** 'Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life' <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** RE: Każ K/073 (ilment nru 169) dwar il-kummenti tiegħek in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan

Ghaziz Sur Polidano,
Grazzi ta’ din il-komunikazzjoni.
Gentilment nitolbok tikkoordina ma’ Ms Rachel Debono, kkupjata, sabiex ikolli access ghall-provi prodotti.
Wara li nezamina l-istess, inkun f’qaghda li ninfurmak jekk hux ser nipprevalixxi ruhhi mid-dritt tas-smiegh u/jew li naghmel sottomissjonijiet finali.
Inselli ghalik,

Robert Abela
Prime Minister
Prime Minister Secretariat

**t** +356 22000000 **e** robert.abela@gov.mt | primeminister.gov.mt

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Tuesday, 11 March 2025 11:50
**To:** Abela Robert at OPM <robert.abela@gov.mt>
**Cc:** Debono Rachel 1 at OPM <rachel.debono.1@gov.mt>
**Subject:** Każ K/073 (ilment nru 169) dwar il-kummenti tiegħek in konnessjoni mal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Onor. Dr Robert Abela
Prim Ministru

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Insellimlek,
Charles Polidano

**Charles Polidano**
Director General
Office of the Commissioner for Standards in Public Life
Tel: +356 2726 9593 Web: https://standardscommissioner.mt/